# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 1127/2010JB

Kawza Numru: 42

**Motherwell Bridge Mediterranean Limited (C23686) u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 is-socjeta' Hili Company Limited (C57955) issucediet fid-drittijiet tal-istess Motherwell Bridge Mediterranean Limited stante amalgamazzjoni**

**vs**

**Arma Caterers Limited (C39834)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-12 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet dan:

> Premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' elf tlieta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,043.90) liema ammont huwa cert, likwidu u li ghalaq, rapprezentat mill-fatturi mibghuta;
>
> Illi s-socjeta' attrici akkwistat is-socjeta' ADS System Ltd (C-28662) u b'hekk akkwistat id-drittijiet ta' din is-socjeta';
>
> Tghid ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jordnala thallas is-somma dovuta u dan salv kull provediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq;
>
> Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2009 (ref. 1037/11/2009) u tar-rikors tas-6 ta' Novembru 2009 (ref: 480/11/2009), u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010;

Ra li s-Socjeta Konvenuta, ipprezentat risposta fis-16 ta' Novembru 2010 li permezz taghha laqghet ghal din il-kawza billi eccepiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub mis-Socjeta' Attrici huwa preskritt skont l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz. Inoltre, rapprezentant tas-Socjeta

Konvenuta deher ghas-smiegh tat-30 ta' Novembru 2015 fejn gie verbalizzat li l-kawza hija kontestata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra s-sentenza tat-30 ta' April 2013 li permezz taghha t-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta u ordna s-smiegh tal-provi fil-mertu;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 fejn inghata provvediment dwar rikors prezentat l-10 ta' Gunju 2004 u konsegwentement gie stabbilit li l-okkju tal-kawza ghandu jkun kif riportat fuq;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €1,043.90 in konnessjoni ma' prestazzjonjiet rezi lis-Socjeta Konvenuta mis-socjeta ADS System Ltd (C28662), liema socjeta giet amalgamata mas-Socjeta Attrici. In sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet bhala xhud lil Dorian Desira u lil David Spiteri Fiteni (minbarra li kien ressqet rapprezentant tas-Socjeta Kovenuta ghall-ghanijiet tal-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ormai sorvolata) fil-waqt li gew esebiti wkoll ghadd ta' dokumenti. Da parti tas-Socjeta Konvenuta ressqet affidavit ta' Andre' Mifsud li tieghu sar ukoll kontro-ezami;

Illi t-Tribunal iqis li fil-kawza odjerna ma tqanqlet l-ebda eccezzjoni fil-mertu izda gjaladarba l-kawza thalliet sabiex tigi trattata fil-mertu, kif ukoll in vista tal-fatt li s-sentenza parzjali ma dahlitx fil-mertu tat-talba, it-Tribunal se jghaddi sabiex iqis jekk it-Talba gietx ippruvata;

Illi t-Tribunal ihoss li jkun qieghed jonqos jekk qabel xejn ma jirrimarkax li huwa deplorevoli li kawza bhal din kellha tiddilunga ghal hames snin. Minn ezami tal-process jidher bic-car li l-partijiet u d-difensuri taghhom jahtu mhux ftit ghal dan id-dewmien. Certament li agir u dewmien bhal dan ma jaghmilx gid aktar u aktar meta tqis li l-ftit provi li hemm fil-process setghu facilment jitressqu f'tebqa' t'ghajn. Hija hasra li agir bhal dan jitfa' dell ikrah fuq il-process ta' amministrazzjoni tal-gustizzja u jtellef il-fiducja li l-pubbliku ghandu jkollu fis-sistema gudizzjarja. Wiehed jittama li dawn ir-rimarki jqanqlu lill-dawk involuti sabiex jekk jergghu jintrigaw ghal xoghol quddiem dan it-Tribunal, jimxu b'mod differenti;

Illi maghmula tali rimarki t-Tribunal se jghaddi sabiex jaghti sunt tal-provi prodotti;

Dorian Desira (a fol 91) xehed li hu kien il-kontrollur finanzjarju tas-socjeta ADS. Stqarr li lis-Socjeta Konvenuta kienu pprovdewlha *software, hardware* u *point of sale system*. Spjega li d-dokumenti prezentat mal-avviz tat-talba jikkunsistu f'fattura (a fol 2) fil-waqt li l-bqija tad-dokumenti (a fol 3 sa 11) huma l-*job cards* u spjega li kieku kien hemm xi problema dawn ma kienux jigu ffirmati mill-klijent. Ipprezenta wkoll *quotation* dwar is-sistema kif ukoll *sales ledger* minn fejn jirrizulta l-bilanc u ghadd ta' kopji ta' *cheques* mahruga mis-Socjeta Konvenuta lis-Socjeta ADS. Jghid li ma kienx jaf ghalfejn il-fatturi pendenti ma

thallsux u sa fejn jaf hu, ma kienx hemm problemi. Desira qal ukoll li kienu nghataw hames *post-dated cheques* da parti tas-Socjeta Konvenuta, skond il-*payment terms* miftiehma;

David Spiteri Fiteni (a fol 99) xehed li kien inginier mas-Socjeta ADS u li l-uniku xoghol li sar lis-Socjeta Konvenuta kien l-istallazzjoni tas-sistema tal-*point of sale* u ma jiftakarax li kien hemm xi servizzi ohra. B'riferenza ghal xi dokumenti fejn jissemmew oggetti bhal *cables* jghid li ma jafx jekk dan kienx l-ewwel fattura jew jekk kienx hemm fatturi ohra qabel. Spjega li d-*delivery notes* jirrigwardaw servizzi u prestazzjonijiet li nghataw u gew accettati ghaliex hemm il-firma tar-rapprezentant tas-Socjeta Konvenuta. In kontro-ezami, ix-xhud gie mistoqsi dwar is-sistema installata u l-problemi li din tat, wiegeb li mar fuq il-post minhabba ilmenti tas-Socjeta Konvenuta.

Andre' Mifsud xehed li hu direttur tas-Socjeta Konvenuta u li l-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti kien li tigi installata *point of sale system* versu prezz miftiehem. Jghid li s-sistema bdiet taghti l-problemi sa mill-bidu nett u minkejja d-diversi ilmenti, din qatt ma giet tahdem sew. Jghid li s-sitwazzjoni wasslet sabiex is-sistema titnehha u kellhom jergghu jirrivertu ghas-sistema ta' *cash registers*. Jghid li din is-sistema kienet taht garanzija u issa s-Socjeta Attrici qed tippretendi hlas ghall-vizti li ghamlu. Jghid li ma riedux jaghmlu kawza ghar-rifuzjoni izda spiccaw rinfaccjati b'din l-azzjoni. In kontro-ezami, Mifsud qal li qabel ma ghamlu l-ispiza raw x'*requirements* kien hemm bzonn u xtraw l-apparat mehtieg. Mistoqsi jekk kienx avza' lis-Socjeta' Attrici jekk il-pagament li ghamel kienx ghas-saldu, ikkonferma li dan kien stqarru car u zied jghid li ma kienx lest li jonfoq aktar minn din is-somma. Ikkonferma li l-firem fuq id-dokumenti a fol 10 sa 21 huma tieghu u jispjega li f'dawn id-*delivery notes* ma hemm l-ebda ilment da parti tieghu izda jispejga li ma kienx jaf li ta' dawn iz-zjarat kienu ha jigu impost hlasijiet peress li kien bl-impressjoni li dawn ix-xogholijiet kienu koperti bil-garanzija. Ikkonferma li s-sistema bdiet tintuza f'Gunju 2008 u qal li wara xahar jew tnejn kellu jnehhi s-sistema kompletament u beda juza *cash registers* ordinarji. Ikkonferma li matul ix-xhur tas-Sajf tal-2008 u precizament bejn Gunju sa Novembru 2008 huwa baqa' jaghmel pagamenti kull xahar ta' €1,214 kull xahar. Jghid li f'Novembru waqqaf il-pagamenti peress li deherlu li kien sar ridikolu li jibqghu ihallsu meta s-sistema ma kinitx tahdem.

Ikkunsidra;

Illi minn ezami tad-dokumenti prezentati jidher li l-*quotation* kienet ghas-somma ta' €7,352 oltre l-VAT li bir-rata prevalent l-ammont jitla' ghal €8,675.36. Mis-*sales ledger*, prezentat minn Desira jidher li s-Socjeta Konvenuta ghamlet pagamenti fis-somma ta' €8,672.60. Hu car ghalhekk li fil-waqt li s-Socjeta Konvenuta bejn wiehed u iehor hallset l-ammont pattwit, il-fatturi mertu tal-kawza odjerna jirrigwardaw servizzi li suppost imorru oltre minn dak originarjament miftiehem;

Illi t-Tribunal ma jistax jidhol fi kwistjonijiet relatati ma' garanziji u l-kwalita tal-oggett in vendita izda certament li ghandu jara jekk dak li tieghu qed jintalab il-hlas huwiex dovut jew le. Minkejja li mhemm l-ebda eccezzjoni fil-mertu, kif sewwa irritjena l-abbli difensur tas-Socjeta Konvenuta matul it-trattazzjoni, anke l-kontumacja hija kontestazzjoni u wiehed irid dejjem jipprova t-talba tieghu;

Illi l-*quotation* taghmilha cara li hija bbazata "*on a fully functional system*[1] *with 2 POS terminal complete with hardware, for which we have listed some items as 'optional'. The hardware included in the quotation is also optional, since the system will function on any Intel-based PC*." Dwar il-fazi tal-implimentazzjoni, il-*quotation* taghmilha cara li dan ghandu jtul tlitt ijiem b'nota li tghid li dan in-numru ta' jiem huwa stima bazat fuq esperjenza passata fuq prodotti simili. Jinghad li l-*menus* iridu jiddahhlu mill-istaff tal-klijent u mhux mill-fornitur tas-sistema;

Illi t-Tribunal iqis li mid-depozizzjonijiet li ghandu quddiemu jidher car li l-pagamenti li kienu qeghdin isiru mis-Socjeta Konvenuta fil-perjodu in dizanima kienu qed isiru a bazi ta' *post-dated cheques* li kif xehed Dorian Desira kienu f'idejn is-Socjeta Attrici. Certament li ma kienx ikun floku kieku dawn il-pagamenti twaqqfu u l-fatt li l-pagament sar a bazi ta' tali *cheques*, mghandux jippregudika l-pozizzjoni tas-Socjeta Konvenuta;

Illi t-Tribunal ghalhekk qies il-*job sheets* minn fejn jirrizulta li s-servizzi pprovduti li jvarjaw minn "*Licence Key*" (fol 3) sa "*Creating Menu Items*" (fol 4), "*Programming*" (fol 5), "*Configuration*" (fol 8); "*Programmed & Tested*" imbaghad isem ta' *menu item* (a fol 17);

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jabbraccja l-argument tas-Socjeta Attrici li dawn is-servizzi setghu kollha jigu fatturati peress li l-ftehim kien car li l-prodott supplit kellu jkun "*fully functional*". Mill-banda 'l ohra, jidher li kien hemm servizzi li jaghmlu riferenza ghal *menu items* u cjoe s-servizzi li dwarhom jirreferu d-*delivery notes* a fol 4 u fol 17 minn fejn jirrizulta madwar saghtejn u kwart xoghol. Ghalhekk, it-Tribunal se jilqa' t-talba attrici limitatament ghal dawn il-prestazzjonijiet li ma kienux koperti bil-prezz indikat fil-*quotation*. Peress li ma jidhirx li hemm fatturi limitati ghal dawn is-servizzi li ghadhom kemm issemmew u lanqas ma hemm rata stabbilita fil-*quotation* a fol 28, it-Tribunal *ex æquo et bono* qieghed jillikwida d-drittijiet ghax-xogholijiet appena imsemmija fir-rata ta' mitt euro (€100);

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-Talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitt euro (€100) u prevja li jichadha fil-bqija, jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €100, bl-imghax mil-lum. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez kollha tal-proceduri, (salv ghal dawk tas-sentenza parzjali li, kif gja inghad, gew decizi) ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*

[1] B'enfasi fil-kuntratt fuq il-kliem "fully functional"